MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 123/7

Il-Ħamis 16 ta' Mejju 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

123.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

123.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (121/7 [17/04/19]; 122/7 [29/04/2019] )

123.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

123.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

123.5 Rapporti;

123.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress
f. Tweġiba – Management Letter għas-sena 2018.

123.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

123.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 123.0.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

123.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi l-Kunsillier MA Sammut u l-Kunsillier S Caruana kienu infurmaw illi kienu jinsabu indisposti u għalhekk ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa. B'mod unanimu l-Kunsill qabel illi għal kull buon fini tal-proċedura, is-Sur Sammut u s-Sur Caruana għandhom jiġu konsidrati bħala skużati u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tagħhom dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

**123.2.0** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (121/7 [17/04/19]; 122/7 [29/04/2019])**

123.2.1 Il-Kunsill b'mod unanimu approva li dawn il-minuti 121/7 u 122/7 li ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa jiġu meħuda bħala moqrija.

Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier is-Sur Fenech issekonda li dawn il-minuti jiġu approvati.

Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**123.3.0** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

123.3.1 Servizz ta' ġbir ta' skart b'emerġenza. Is-Sindku qal li minħabba l-atteġġjament tal-kuntrattur, speċjalment li ħafna drabi l-iskart madwar il-Gudja ħa ħafna ħin milli jinġabar u peress li l-kuntrattur ma tantx ta widen għall-ħtiġijiet tar-residenti tal-Gudja, huwa ħass li fir-responsabilità tiegħu huwa għandu jwaqqaf lil dan il-kuntrattur u sab kuntrattur ieħor b'effett mill-11 ta' Mejju 2019 sabiex jagħti dan is-servizz b'mod ta' emerġenza u f'dan il-każ anke b'mod irħas minn dak li kien qiegħed jitħallas il-kuntrattur l-ieħor li kien qed jagħti s-servizz fuq bażi ta' emerġenza.

Is-Sindku qal li fiċ-ċirkustanzi kif żviluppaw, huwa ħass li ma kellux ħin li jsejjaħ laqgħa b'urġenza. Għalhekk huwa (is-Sindku) kellu jaġixxi għaliex fil-fehma tiegħu dan kien fl-aħjar interess kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-komunità kollha tal-Gudja.

Is-Sur Baldacchino wieġeb li fil-fehma tiegħu dak li għamel is-Sindku, għalkemm jifhem l-urġenza, ħass li għall-inqas, is-Sindku kellu jiddiskuti dan miegħu (mas-Sur Baldacchino) peress li huwa inkarigat mill-ambjent u għalhekk il-ġbir tal-iskart jaqa' fid-dekasteru tiegħu.

Is-Sindku tenna, li għalkemm jifhem dak li stqarr is-Sur Baldacchino, huwa (is-Sindku) ma kellu l-ebda skop li ma jinfurmahx il-Viċi Sindku dwar li għamel. Huwa (is-Sindku) kellu jaġixxi bl-akbar ħeffa sabiex is-servizz ta' ġbir ta' skart ikompli jingħata bla ebda interruzzjoni.

Saret diskussjoni dwar il-qagħda tat-tender glc003/18 dwar il-ġbir tal-iskart.

Is-Sindku ta spjega ta' kif żviluppaw l-affarijiet li wasslu għal qagħda preżenti li ġabu li l-Kunsill ikompli b'servizz ta' emerġenza f'dan is-servizz.

Is-Sindku spjega li s-Sur R. Mifsud li kellu l-aħjar offerta ta' €114,816.00 ntgħażel mill-bord ta' aġġudikazzjoni. Dan il-kuntrattur wara ħafna dewmien bagħat jinforma lill-Kunsill tramite ibnu s-Sur W. Mifsud li ma setax jaċċetta l-kuntratt ( u lanqas ma ta l-garanzija meħtieġa) minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Is-Sindku qal li għal dawn ir-raġunijiet il-kuntrattur li jmiss fl-għażla li tefa' l-offerta għall-ammont ta' €129,792.00 huwa l-istess kuntrattur li ġie mwaqqaf milli jagħti s-servizz b'urġenza.

Saret diskussjoni u filwaqt li ġie maqbul li l-Kunsill ma għandu l-ebda diffikultà li jimxi skont il-proċeduri stabbiliti tat-tender, il-Kunsill iħoss illi meta qegħdin fi ftit ġranet biss qabel l-elezzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill iħoss li d-deċiżjoni li tista' tittieħed (li tkompli bl-għażla jew li terġa' toħroġ tender ġdida) għandha tittieħed mill-Kunsill il-ġdid.

Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li jirratifika l-ħatra tal-kuntrattur J. Zammit sabiex jagħti s-servizz ta' ġbir ta' skart bir-rata ta' €120 (inkluż il-VAT) b'effett mill-11 ta' Mejju 2019. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur jintrabat li jiġbor l-iskart tal-borża s-sewda u l-borża l-bajda u li l-Kunsill jirriserva d-dritt li dan il-ftehim jiġi tterminat fi żmien 24 siegħa minn meta l-Kunsill jinforma lis-Sur Jonathan Zammit li jkun sejjer iwaqqaf dan il-ftehim.

123.3.2 Ittra tal-Awdituri lill-Kunsill. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar l-ittra datata 22 ta' April 2019 li l-awditur bagħat lill-Kunsill u liema ittra ġiet iċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha sa xi żmien ilu.

Is-Sindku qal li b'sodisfazzjoni iħoss li din il-management letter hija sodisfaċenti u l-Kunsill għandu jwieġeb ukoll b'mod pożittiv għal kontenut ta' din l-ittra mill-Awdituri.

Dwar il-punt li hemm fis-sezzjoni 2.9 (Jum il-Gudja) is-Sindku spjega li din iż-żieda ta' €322.00 hija kkawżata minħabba n-nefqa dwar memento li l-Kunsill ta bħala tifkira fl-għeluq tal-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali lil dawk kollha li servew bħala Kunsilliera fil-Kunsill Lokali tal-Gudja. Il-Kunsill approva t-tweġiba tal-Kunsill kif preżentata u qabel li din it-tweġiba tiġi ffirmata u tintbagħat skont proċeduri stabbiliti.

123.3.3 Xogħol fi Triq Bur Ġlat / trejqa Dawret il-Gudja. Is-Sindku qal li ġie infurmat li f'xi ġranet meta kien qed isir xi xogħol f'din il-parti tat-triq fil-kampanja, xi bdiewa ma setgħux jidħlu fl-għelieqi tagħhom u f'xi drabi kien hemm bdiewa li nqabdu fl-għelieqi bil-vetturi u ma setgħux joħorġu bil-bigħa tagħhom.

Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Infrastructure Malta (IM) sabiex filwaqt li tagħmel ix-xogħol meħtieġ, tassigura li jkun hemm aċċess, anke jekk limitat, għall-bdiewa u għal min ikun irid jidħol fl-inħawi.

123.3.4 Biċċa art żdingata li tgħaqqad lil Triq Bir Miftuħ ma' Dawret il-Gudja. Is-Sindku qal li sa żmien ilu l-Kunsill kien kiteb lit-Transport Malta sabiex din il-biċċa art għandha tiġi inkluża fix-xogħol ta' asfaltar ta' Dawret il-Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li jidher, li għalkemm qed isiru xogħlijiet f'Dawret il-Gudja, din il-parti tat-triq li hija tant bżonjuża sabiex ikun hemm aċċess aħjar

minn Triq Bir Miftuħ għal Dawret il-Gudja, tidher li mhux qed tiġi konsiderata li tiġi asfaltata kif meħtieġ.

Is-Sur Fenech qal li ħafna drabi qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku f'din il-parti tat-triq u għalhekk jekk din il-biċċa art, li llum qiegħda żdingata u tintuża ħażin, jekk tiġi rranġata li tingħaqad ma' Dawret il-Gudja, tagħti aċċess aħjar u t-traffiku li jkun ħiereġ minn Triq Bir Miftuħ għal Dawret il-Gudja jimxi wisq aħjar.

Il-Kunsill qabel li dan huwa ħin propizju li jinsisti ma' Infrastructure Malta sabiex isiru x-xogħlijiet meħtieġa meta li l-kuntrattur għandu l-inġenji fuq il-post.

123.3.5 Xogħol ta' traqqigħ u mili ta' ħofor bl-asfalt f'diversi toroq speċjalment fl-inħawi ta' Triq Victor Pasmore, Ta' Loreto u Tal-Lampat. Is-Sindku spjega li kif waqt laqgħa li kellu mas-Sur Michael Cohen sa xi żmien ilu, huwa kien imwiegħed li peress li x-xogħol taħt Miżura 4.3 kien se jieħu ż-żmien kien hemm possibilità li Infrastructure Malta tagħmel xogħlijiet ta' tiswija fit-toroq fejn ikun meħtieġ. Is-Sindku qal li dan ma seħħx u kemm bdiewa kif ukoll residenti qed isibuha diffiċli li jaċċessaw l-inħawi. Il-Kunsill iddeċieda li dan ix-xogħol ta' riparazzjoni jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill filwaqt li l-Kunsill jixtri l-materjal meħtieġ ta' cold asphalt u sealer.

123.3.6 Ftehim bejn il-Kunsill Lokali tal-Gudja u Infrastructure Malta dwar ix-xogħlijiet ta' miżura 4.3. Is-Sindku qal li dan l-abbozz ta' ftehim ġie ċċirkulat għand il-Kunsilliera kollha għal konsiderazzjoni tagħhom.

Is-Sindku spjega li filwaqt li Infrastructure Malta (IM) tidħol kompletament responsabbli li twettaq ix-xogħol, dan il-proġett jibqa' f'idejn il-Kunsill.

Saret diskussjoni fejn deher biċ-ċar li l-Kunsill għandu kull interess li dan ix-xogħol jitwettaq mill-aktar fiss possibbli u li dan il-ftehim mal-IM jagħti aktar ċertezza li dan il-proġett jitwettaq u li l-fondi allokati taħt din il-Miżura 4.3 jibqgħu assigurati.

Il-Kunsill approva li dan il-ftehim jiġi ffirmat kif meħtieġ u l-Project Leader jibqa' s-Sur JM Formosa sabiex ikompli jħares kull interess tal-Kunsill fit-twettiq ta' dan il-proġett.

123.3.7 Triq F. Castagna. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi din it-triq bil-bankini kollha tagħha, issa tlestiet kompletament minn IM taħt il-proġett nazzjonali ta' toroq kif kien diġà tħabbar mill-Prim Ministru Dr. Joseph Muscat.

123.3.8 Triq il-Lewż. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-IM bdiet ix-xogħol tat-triq bil-bankini inklużi. F'din it-triq kien hemm ukoll il-ħtieġa li jinbidlu l-mains tal-ilma u servizzi oħra u għalhekk ix-xogħol qed jieħu xi ftit taż-żmien iżda meta titlesta din it-triq tkun qed tagħti l-aħjar aċċess kemm għar-residenti kif ukoll għal dawk kollha li jkunu qed jagħmlu użu minn din l-istess triq.

123.3.9 Tabelli ta' spjegazzjoni dwar proġetti pendenti fil-Gudja. Is-Sindku qal li bil-ħsieb ta' komunikazzjoni aħjar mal-Pubbliku l-Kunsill qed iwaħħal tabelli ta' spjegazzjoni dwar dak li ġara u qed jiġri dwar dawn it-toroq u proġetti ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill approva x-xiri ta' dawn it-tabelli.

**123.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

123.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**123.5.0 Rapporti**

123.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Proġetti fil-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li huwa ħadem bis-sħiħ fil-qasam tal-ambjent u kien huwa li xpruna proġetti fit-tisbiħ ta' ġonna u spazji pubbliċi iżda huwa jħoss li din il-ħidma mhux dejjem sabet l-appoġġ meħtieġ. Is-Sur Baldacchino qal li ma setax jifhem kif u għaliex ix-xogħol ta' riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana kien qed jieħu hekk żmien u jiffaċċja tant burokrazija.

Is-Sur Baldacchino qal li għalih u għall-Kunsill, l-ambjent huwa ta' prijorità u għalhekk il-ħidma tiegħu fi ħdan il-Kunsill fosthom dwar is-separazzjoni tal-iskart ġab il-Kunsill Lokali tal-Gudja jkun wieħed mill-aħjar Kunsilli (kif jidhru r-riżultati) f'dan il-qasam.

Is-Sur Baldacchino qal li ħadem f'diversi oqsma anke dwar il-kontroll tal-ħamiem selvaġġ kif ukoll dwar it-tniġġiż tal-arja ġewwa l-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li huwa jawgura lill-Kunsill il-ġdid u l-Kunsilliera li jiġu eletti jkomplu jaħdmu sabiex il-Gudja jkollha dawk l-oqsma kollha inkluż ġonna u spazji sabiex ir-residenti kollha tal-Gudja, huma min huma, jkollhom l-aħjar ħajja li tixirqilhom.

Is-Sur Baldacchino qal li bħala bniedem sportiv huwa kellu u għandu għall-qalbu l-qasam tal-isport u li biħsiebu jkomplu jħeġġeġ sabiex il-Kunsill il-ġdid jkompli jagħti prijorità f'dan il-qasam għal ġid kemm taż-żgħażagħ kif ukoll għal persuni ta' kull età u ġeneru.

Is-Sur Baldacchino awgura li fil-Kunsill ikun hemm aktar żgħażagħ li jkomplu jaħdmu fi ħdan il-Kunsill u jgħinu u li nifhmu lil xulxin, sabiex ġewwa l-Gudja jkun hemm l-aktar armonija, integrazzjoni b'risq il-Gudja u r-residenti kollha tagħha huma min huma.

123.5.2 George Fenech (Kunsillier)

a. Kaxxa tal-ħmieġ tal-klieb. Is-Sur Fenech qal li fil-fehma tiegħu li l-ilment ta' dak li għamlet il-persuna sabiex waslet li s-Sindku jaqla' din il-kaxxa mill-post

kif kien miftiehem, fil-fatt kien ilment falz u frivolu għaliex dan mhux resident fil-Gudja iżda jista' biss għandu xi interess fid-dar faċċata ta' fejn twaħħlet din il-kaxxa.

Saret diskussjoni u l-Kunsill approva li din il-kaxxa titpoġġa biswit Ġnien il-Ħelsien fuq in-naħa ta' Triq Birżebbuġa għaliex din tgħin fiż-żamma ta' indafa u ambjent tajjeb fl-inħawi.

Is-Sur Baldacchino qal li kien huwa li ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jinxtraw dawn il-kaxxi sabiex il-ħmieġ tal-klieb jinġabar fihom, iżda jifhem li dawn jitwaħħlu f'post tajjeb mingħajr ma jikkawżaw inkonvenjent lir-residenti u għalhekk din il-kaxxa jekk titwaħħal ħdejn il-bir fi Ġnien il-Ħelsien fi Triq Ħal Safi tkun utli.

Is-Sur Baldacchino qal, li l-Kunsill għandu jkompli jara li l-Gudja tkun 'pet friendly' filwaqt li jieħu ħsieb l-ambjent.

b. Laqgħa mal-Arċipriet. Is-Sur Fenech qal li kien iħoss li hija ħasra li l-Kunsill ma kellux laqgħa formali mal-Arċipriet il-ġdid Mons. Norman Zammit. Is-Sindku wieġeb li għalkemm huwa veru li din l-okkażjoni ma seħħitx b'mod formali, hemm ħidma ta' koperazzjoni mal-Arċipriet u l-Parroċċa bil-kordjalità kollha u huwa jħeġġeġ li din il-koperazzjoni tkompli b'risq il-komunità kollha tal-Gudja.

c. Pjanar ta' kontinwazzjoni u suċċessjoni. Is-Sur Fenech qal li peress li dan il-Kunsill wasal fit-tmiem tiegħu, il-Kunsill għandu jipprepara programm li juri dawk ix-xogħlijiet u proġetti miftehma, mibdija, proġetti miftehma u mhux mibdija, u lista oħra dwar tenders u kuntratti li Kunsill ġdid għandu jkun jaf bihom u bid-dettal dwarhom.

d. Monument għall-Gudja. Is-Sur Fenech fakkar li l-Kunsill kien qabel dwar dan u għalhekk huwa talab li jara li l-Kunsill iwassal din l-istess deċiżjoni tal-Kunsill li tiġi mmaterjalizzata preferibbilment sa Jum il-Gudja 2019 li jiġi ċċelebrat fil-15 ta' Lulju 2019.

**123.6.0 Temi oħra tal-Kunsill Lokali**

123.6.1 Triq iż-Żebbuġa – progress. Is-Sindku stqarr li l-Kunsill meta kien sejjer iwettaq dan il-proġett ġie infurmat li peress li xi darba kienu nstabu fi fdalijiet arkeoloġiċi, il-Kunsill ġie mitlub mis-Supretendenza tal-Wirt Kulturali li jkun hemm uffiċjal fuq il-post waqt ix-xogħol. Il-Kunsill fittex li jsib dan l-uffiċjal u jinsab infurmat li dan l-uffiċjal, li għalih għandu jħallas il-Kunsill, mhux disponibbli qabel Lulju 2019.

Is-Sindku qal li għalhekk f'dan l-istadju sejjer ikun il-Kunsill il-ġdid li għandu jieħu deċiżjoni meta jibdew ix-xogħlijiet peress li din il-parti tat-triq qiegħda f'post viċin il-knisja u ma tistax tkun ta' ostaklu fi ġranet ta' festi.

123.6.2 Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress. Ħarġu t-tenders għal dan ix-xogħol u qed jiġu ġġudikati. Il-Kunsill il-ġdid ikun jista' jieħu d-deċiżjoni kif ikun meħtieġ.

123.6.3 Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto- progress. Kif ingħad aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti l-Kunsill qabel u ddeċieda li jiffirma l-ftehim sabiex dawn ix-xogħlijiet isiru mill-IM.

123.6.4 Ġnien R. Caruana – progress. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jinsisti li dan il-proġett jibda u jitlesta kif diġà mwiegħed.

123.6.5 Ġnien Ġlormu Cassar – progress. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jimbotta li dan il-proġett għandu jibda u jitlesta kif diġà mwiegħed.

123.6.6 Tweġiba – management letter għas-sena 2018. Kif ingħad aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti, il-Kunsill qabel u approva r-risposta kif ppreżentata dwar il-management letter għas-sena 2018. Il-Kunsill filwaqt li xtaq jirringrazzja lill-Awdituri Nexia BT għall-ħidma u l-koperazzjoni tagħhom, qabel ukoll li din it-tweġiba tiġi ffirmata u ppreżentata lin-NAO u awtoritajiet oħra skont proċeduri stabbiliti.

**123.7.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

123.7.1 Il-lista ta' pagamenti nru 68/7 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku R. Baldacchino għall-ammont totali ta' €26,444.36, ġiet approvata nem con.

Ingħatat spjegazzjoni dwar il-kont ta' WM Environmental Ltd (20) u tal-Perit Sarsero DPlan Architects (26)

**123.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

123.8.1 Mili ta' ħofor. Is-Sur Baldacchino qal li kien innota li xi ħofor kienu qed jimtlew bit-torba u żied jgħid li dan il-materjal mhux tajjeb għal dan ix-xogħol.

Is-Sindku wieġeb li ġara li xi ħadd waddab it-torba fil-ħofor u dan kien qed jikkawża xogħol żejjed għaliex qabel ma jitpoġġa l-qatran il-ħofor kienu qed jitnaddfu mit-torba.

123.8.2 Awguri lil dawk kollha li kienu qed jieħdu sehem fl-elezzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Baldacchino qal li qed jinnota li hemm entużjażmu u ħeġġa minn dawk kollha li kienu qed jieħdu sehem f'dawn l-elezzjonijiet dwar il-Kunsilli.

Is-Sur Baldacchino stqarr li fil-fehma tiegħu dan jassigura li sejjer jiġi elett Kunsill li jagħmel l-akbar ġieħ lill-Gudja.

Is-Sur Baldachino qal li xtaq jawgura kull suċċess lil dawn il-kandidati, huma min huma, kif ukoll lil kull min jaħdem f'risq il-Gudja u b'risq ir-residenti kollha tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li finalment xtaq jgħid grazzi u proset lil kulħadd.

123.8.3 Elezzjonijiet tal-Kunsilli. Il-Kunsill fakkar li l-elezzjonijiet sejrin isiru fil-25 ta' Mejju 2019. L-għadd tal-voti tal-Kunsilli jibda fid-29 ta' Mejju 2019 u dak tal-Gudja se jkun fit-30 ta' Mejju 2019.

Sejra ikun hemm dik magħrufa bħala mock session fis-06 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġurament tal-ħatra. Il-ġurament tal-Kunsilliera eletti sejjer iseħħ fit-18 ta' Ġunju 2019.

Il-Kunsill kif kompost preżentament sejjer jibqa' iservi sat-30 ta' Ġunju 2019.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju 2019 għandha issir laqgħa tal-Kunsill elett u jingħata bidu għat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali għall-Gudja.

123.8.4 Għotien tax-xelters fi Triq R. Caruana, il-Gudja (3 b'kollox). Il-Kunsill fakkar li dan ix-xogħol se jsir fi ftit jiem oħra minn Andrew Vassallo General Trading Ltd hekk skont kif kien approva l-Kunsill fil-laqgħat preċedenti u dan għas-somma ta' €9894.35.

123.8.5 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.23pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2019 fis-6.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ______________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv